# Ghanja tal-Milied

ta'

## Charles Dickens

*adattata ghall-palk minn*

**Trevor Zahra**

aiuaiuaiuaiuaiuia

**Jiehdu Sehem**

*Karattri li jitkellmu:*

VUCI: (Narratur): ________________________________________

Scrooge illum ____________________________________________

Bob Cratchit _____________________________________________

Is-Sinjura Cratchit (mart Bob) ____________________________

*L-ahwa Cratchit:*

Tiny Tim (tifel zghir zopp, il-krozza) ____________________

Tifel.1 _________________________________________________

Tifla.2 _________________________________________________

Tifla.3 _________________________________________________

Tifel.4 ____________________________________________________

Fred (neputi ta' Scrooge)____________________________________

Karla (il-Mara ta' Fred)____________________________________

*Mistednin:*

Mist.1 _____________________________________________________

Mist.2 _____________________________________________________

Mist.3 _____________________________________________________

Mist.4 _____________________________________________________

RAGEL-1 ____________________________________________________

RAGEL-2 ____________________________________________________

RAGEL-3 ____________________________________________________

RAGEL.4 ____________________________________________________

ILHNA TA' TFAL IKANTAW _____________________________________

MARLEY (ruh) _______________________________________________

SPIRTU.1 (Milied tal-Bierah) _______________________________

SPIRTU.2 (Milied tal-Lum) __________________________________

SPIRTU.3 (Milied ta' Ghada) ________________________________

Tifel (Scrooge zghir) ______________________________________

OHTU (Fanny) _______________________________________________

IS-SUR FEZZIWIG ____________________________________________

IS-SINJURA FEZZIWIG ________________________________________

MISS FEZZIWIG ____________________________________________

EBENEZER (Scrooge zaghzugh) _______________________________

DICK (sieheb Scrooge zaghzugh)_____________________________

***L-EWWEL XENA:***

***(SCROOGE FL-UFFICCJU - BOB FTIT 'IL BOGHOD MINNU)***

VUCI: Marley kien ilu li miet!  Scrooge innifsu kien iffirma r-registru tal-mewt, mhux biss bhala l-uniku prokuratur tieghu, l-uniku werriet u l-uniku habib li qatt kellu, izda wkoll bhala siehbu fin-negozju.  U biex Scrooge jibqa' jurih sa l-ahhar kemm tassew kien bniedem tan-negozju, dak in-nhar stess tal-funeral tieghu, qaddes il-gurnata b'bicca nergozju mill-isbah.
Fuq il-bieb ta' l-ufficcju kien ghad hemm it-tabella bil-kitba SCROOGE U MARLEY u l-klijienti l-godda, lil Scrooge daqqa kienu jindirizzawh bhala Scrooge u daqqa bhala Marley.  Imma Scrooge kien iwiegeb ghat-tnejn;  l-aqwa li n-negozju jmur 'il quddiem.
Scrooge... bniedem qalbu xierfa, qalbu iebsa daqs
dak iz-znied li l-ebda azzar qatt ma rnexxielu jtajjar minnu xrara generuza. Scrooge... dejjem wahdu u mbieghed minn kulhadd.  Il-kesha stramba ta' qalbu telghet mieghu bhall-glata, ittempratlu l-ponta ta' mniehru, hargitlu l-vini skarlati fuq haddejh, hammritlu l-abjad t'ghajnejh kollu, raqqitlu xofftejh b'lewn ikhal u meta jitkellem lehnu kien ifarrket f'halba silg.
Din il-kesha kien igorrha mieghu kull fejn imur, u lanqas fl-eqqel tas-sajf ma kienet tbatti.  U preciz lejlet il-Milied, waqt li kulhadd kien qed jaghlaq il-hwienet u jigri lejn il-kenn tal-familja, Scrooge kien ghadu fl-ufficcju, mghawweg gang fuq il-kotba gheziez tieghu, jghodd u jerga' jghodd kolonni twal ta' numri u figuri.  U l-imsejken skrivan tieghu, nitfa 'l boghod minnu, mghawweg gang bhalu jhares minn taht lejn l-arlogg.

***JIDHOL FRED***

FRED Ah, ziju Scrooge... il-Milied it-tajjeb!

SCROOGE Iblah...

FRED Min iblah zi... jiena jew il-Milied?

SCROOGE It-tnejn.

FRED X'wahda din zi x'inti tghid? Il-Milied bluha?

SCROOGE Bluha... gej bil-Milied it-tajjeb. Int... fqir bhalek... kif qatt tista' thossok tajjeb... ?

FRED U allura zi... int l-ghaliex m'ghandekx thossok tajjeb... sinjur bhalek?

SCROOGE Iblah!

FRED U ejja ziju Scrooge... ma nafx l-ghala ma thossokx
ferhan f'dan iz-zmien.

SCROOGE Tridni nghidlek l-ghala? Mela ismaghni sewwa. Ghax jiena gejt destinata biex nghix f'dinja tal-boloh u l-imgienen. Taf x'inhuwa l-Milied? Xejn ghajr zmien biex taghmel il-kontijiet li qatt ma jaqblu, issib ruhek b'sena aktar fuq spallejk u mank b'lira aktar go butek. Li kieku kelli naghmel jien, kull bahnan li joqghod idur jixtieq il-Milied it-tajjeb lil dak u lill-iehor kont nghallih go borma mishun mal-pudina tal-Milied u ndeffislu werqa "holly" go qalbu. Dak li kont naghmel!

FRED (jidhak) Ziju Scrooge...

SCROOGE Kollox sew... inti zomm il-Milied ghalik la darba thoss li jaghmillek il-gid u lili hallini bi kwieti.

FRED Dazgur li jaghmilli l-gid, zi. Izda l-gid li jaghmilli ma jista' qatt jidher miktub f'dawk ir-registri tieghek. Izda kull meta l-Milied jasal dejjem hassejt li ghandi niccelebrah kif jixraq, mhux biss minhabba t-tifkira qaddisa li jgibilna mieghu, imma wkoll ghax huwa zmien meta nhossu qalbna tinfetah gghall-ohrajn. Huwa l-uniku zmien tul it-tnax-il xahar tas-sena meta n-nies jieqfu jharsu lejn xulxin u jintebhu li huma lkoll ahwa. U minkejja li l-Milied qatt ma gabli flus go buti, naf li ghamilli gid wisq akatr mill-isbah deheb.

***<u>BOB JINFEXX ICAPCAP</u>***

SCROOGE *<u>(lil Bob)</u>* U inti... nisma' hoss iehor minghandek u malajr ticcelebra l-Milied billi titlef hobzok.

FRED Ejja zi... ghax ma tigix tiekol maghna ghada. Se jkollna ikla specjali tal-Milied?

SCROOGE Iblah...

FRED Insomma zi, ftakar li biebna dejjem miftuh ghalik. Il-Milied it-tajjeb.

SCROOGE Il-lejl it-tajjeb...

FRED Il-Milied it-tajjeb.

SCROOGE *(b'rabja)* Il-lejl it-tajjeb.

FRED *(jersaq lejn il-bieb ta' barra. Lil Bob)*
Il-Milied it-tajjeb, Sur Bob.

BOB Lilek ukoll Sur Fred.

***BOB IWASSAL LIL FRED SAL-BIEB MALLI FRED JOHROG JITFACCAW ZEWGT IRGIEL LIBSIN PULIT.***

RAGEL.1 Nistghu jekk joghgbok inkellmu lis-Sur Marley, jew lis-Sur Scrooge?

BOB Lis-Sur Scrooge...

SCROOGE X'inqala'? Ghaddu 'l hawn.

RAGEL.2 Sur Scrooge, kif taf int, f'dan iz-zmien tas-sena kulhadd jiftakar f'dawk il-persuni inqas ixxurtjati minnu.

RAGEL.1 Hawn eluf ta' eluf li qeghdin ibatu ghax lanqas biss m'ghandhom il-hwejjeg l-aktar essenzjali ghall-hajja.

SCROOGE Jaqaw gara xi haga u ghalqu l-orfanatrofji kollha, u d-djar tax-xjuh u l-habsijiet...

RAGEL.2 Le.. le dazgur li m'ghalquhomx...

SCROOGE Ahh.. serrahtuli rasi; ghax minn kliemhom kont hadt l-impressjoni li dawn m'ghadhomx aktar jaqdu l-funzjoni li twaqqfu ghaliha.

RAGEL.1 Iva, Sur Scrooge... imma taf inti, dak li jipprovdu dawn l-istituzzjonijiet qatt mhu bizzejjed biex ilahhaq mad-domanda. Hawn nies li qeghdin imutu bil-guh.

SCROOGE Ikunu qed inaqqsu ftit mill-popolazzjoni zejda tad- dinja.

RAGEL.2 Ahna qeghdin nippruvaw nersqu fuq nies generuzi li bil-ghajnuna taghhom... f'dan iz-zmien ta' ferh...

SCROOGE Ara... hallina miz-zmien ta' ferh. Jien ma nhoss l-ebda ferh f'dan iz-zmien u ghalhekk ma nistax naffordja li bi flusi nferrah lil hjaddiehor. It-taxxi li nhallas biex bihom nghin l-istituzzjonijiet li semmejtilkom ga huma bizzjjed. Il-lejl it-tajjeb.

RGIEL.1 Kollox sew mela.

RAGEL.2 Il-Milied it-tajjeb...

SCROOGE Il-lejl it-tajjeb!

***RGIEL.1/2 JITILQU.***
***JINSTEMGHU ILHNA TA' TFAL IKANTAW***

SCROOGE Bob... dawn xi hsejjes huma?

BOB Wara l-bieb hawn xi tfal qeghdin ikantaw ... hmmm... ikantaw... ikantaw l-ghanjiet tal-Milied... biex forsi jigbru xi zewg habbtejn.

SCROOGE *(Jahtaf riga)* Naghtihom jien... imma flok habbtejn... daqqtejn!

***SCROOGE JITLAQ JIGRI JKECCIHOM***
***L-ARLOGG IDOQQ IL-HAMSA.***
***BOB IQUM JIGRI MINN POSTU U JAGHLAQ IR-REGISTRI.***

SCROOGE *(ihares lejn l-arlogg)* Hmmm... mid-dehra sarlek il-hin biex titlaq, hux hekk?

BOB Il-hamsa, Sur Scrooge.

SCROOGE U ghandi nifhem li ghada tkun trid gurnata festa... eh?

BOB Jekk.. jekk ma jimpurtax...

SCROOGE Jimporta. Dazgur li jimporta... u taf l-ghaliex jimporta? Ghax li kieku jiena naqbad u nnaqqaslek zewg xelini mill-paga... inti tmur tghid li qed nisfruttak... mhux hekk? Li qed nabbuza minnek! Imma li jiena nhallas jum xoghol ta' xejn... dak ma jimpurtax. Dak mhux abbuz!

BOB Darba f'sena Sur Scrooge...

SCROOGE Eh... skuza tajba biex darba f'sena tisraq jum paga ta' xejn. Insomma... m'hemmx x'taghmel la gejna nghixu f'dinja ta' l-imgienen. Imma ara qis li pitghada

tkun hawn *kmieni.*

BOB Grazzi Sur Scrooge. Grazzi. Il-Milied it-tajjeb.

SCROOGE Il-lejl it-tajjeb.

============================================================

*IT-TIENI XENA:*

VUCI: U wara ftit tal-hin Scrooge ukoll telaq lejn daru. Wahdu. It-triqat kienu mahnuqa bin-nies. Kulhadd jiffolla biex jaghmel l-ahhar ftit xirjiet ta' malajr qabel ma jaghlqu l-hwienet. Kulhadd jitbissem u jpartat ix-xewqat. Imma Scrooge baqa'sejjer lejn daru *wahdu*, igorr go sidru kesha u borra aktar minn dik li kienet tiksi t-triqat.
Izda waqt li kien minsub go pultruna, ghall-kenn ta' ftit nar bati, Scrooge dehrlu li sema' bhal cekcik ta' ktejjen.....

SCROOGE *(Iqum minn postu u jmur ihares madwaru. Isib kollox floku. Il-hsejjes jieqfu.)*

X'kull wahda wkoll. Hmerijiet!

***IMUR BIL-QIEGHDA MILL-GDID.***
***JITFACCA MARLEY***

MARLEY Scroooooooooge!

SCROOGE X'wahda din! Min inti?

MARLEY Meta kont haj, jien kont siehbek Ja'ob Marley.

SCROOGE Ma jistax ikun. Bil-fors li qed nhewden! Forsi kilt xi haga u waqfitli fuq l-istonku. Mela x'inhu. Dik hi kollha.. xi... xi nitfa laham jew feles gobon.

MARLEY Kif??? Trid tghid li jiena biss bicca gobon!?
(jghajjat u jcekcek il-ktajjen.) Jien... Jien... siehbek Ja'ob Marley li halla din id-dinja sewwa sew bhal-lum seba' snin ilu.

SCROOGE *(gharkobbtejh)* Ahfirli... ahfirli... kollox sew, kollox sew! Xi trid minni? Xi tkun dik il-katina li qed iggorr?

MARLEY Din hija l-katina li hdimt jiena stess tul hajti kollha. Hdimtha wahda wahda, holqa holqa. Hdimtha bir-rieda kollha tieghi... u issa wkoll ingorrha bir-rieda shiha tieghi. Qatt rajt wahda bhalha?

SCROOGE Le.. le... dazgur li le!

MARLEY Ghad tara wahda bhalha tibzax. Seba' Milidijiet ilu, il-katina tieghek kienet ga wisq ikbar minn din. U ghandi nahseb li minn dak iz-zmien 'l hawn komplejt gmielek tahdem fuqha. Ismaghni sewwa Ebenezer Scrooge. Ghandhom jigu jzuruk tliet spirti... sewwa sew malli l-arlogg idoqq is-siegha. Huma se juruk hwejjeg li jistghu jiswewlek ta' gid...

SCROOGE Spirti... le le jahasra. Jien m'ghandix bzonn spirti! Xejn ma jistghu jiswewli ta' gid. Ghandi gid bizzejjed.

MARLEY Huma biss jistghu jiskansawk mill-istess xorti li messet lili... milli jkollok iggorr dil-katina ghall-eternita'... u ddur biha madwar l-ufficcju li tant kien ghal qalbek; l-istess kif ili naghmel jiena ghal seba' snin shah; seba' snin shah. Scrooge... Scrooge....

***<u>JINTEFA D-DAWL</u>***

==========================================================

***<u>IT-TIELET XENA:</u>***

***<u>HOSS TA' QANPIENA DDOQQ IS-SIEGHA</u>***
***<u>JITFACCA L-EWWEL SPIRTU</u>***

SPIRTU.1 Scroooooooge!

SCROOGE: Hawn! X'gara? Min int?

SPIRTU.1 Ma smajtux l-arlogg idoqq is-siegha?

SCROOGE: Iva.. iva.. issa qed niftakar. Mela bilfors li inti l-ispirtu li semmieli Marley.

SPIRTU.1 Jiena l-ispirtu tal-Milied tal-Bierah.

SCROOGE: Tal-Milied li ghadda minn fuq id-dinja.

SPIRTU.1 Le; tal-Milied li ghadda minn fuqek. Qum u imxi mieghi.

SCROOGE: Stenna.. stenna... mela ma tafx barra kemm hemm kesha!? Mela tridha taqbadni xi cmajra?

SPIRTU.1 Iskot.... hares... taghrfu lil dak?

***(JITFACCA TIFEL BIL-QIEGHDA JAQRA)***

SCROOGE: Iva dazgur. Dak jiena meta kont ghadni tifel. U anki l-post qed naghraf: l-iskola fejn kont immur. Kien il-Milied u t-tfal kollha telqu lejn darhom ghall-vaganzi, minbarra jien. Lili kienu hallewni hemm wahdi... nehda biss fil-kotba. Hadd ma ta' kasi?

SPIRTU.1 Hadd?

***(TITFACCA OHTU LI TERSAQ FUQU TGHANNQU)***

OHTU: Ebenezer... hanini.. gejt ghalik....

TIFEL: Fanny... qalbi.

OHTU: Haffef, hemm il-karozzella qed tistenniena.

TIFEL: Se mmorru d-dar?

OHTU: Id-dar iva... biex inqattghu l-Milied ilkoll flimkien. Il-Pa qieghed maghna wkoll u xtara dundjan kbir daqshekk ara. Il-pudina lesta wkoll u issa jiena w inti nzejna s-sigra...

TIFEL: Fanny... Allahares ma kontx inti ghalija.

***(FANNY U TIFEL JIEQFU - "FREEZE" - waqt li Scrooge u l-Ispirtu jghidu dal-kliem:***

SCROOGE: Ohti Fanny... kemm kienet thobbni miskina...

SPIRTU.1 X'sar minna?

SCROOGE: Mietet qasir il-ghomor... u warajha halliet biss... halliet lil...

SPIRTU.1 Lil Fred??

SCROOGE: Iva, lil Fred. L-uniku neputi li ghandi...

***MUZIKA.***
***TIFEL U OHTU JITILQU.***

SCROOGE: Ara x'kull wahda... xi bcejjec dawn. Dak is-Sur Fezziwig li kont impejgat mieghu. Hemm ara.. hares... dak jien stess meta kont zaghzugh. Ma kontx ikrah sa barra hux tassew? U l-iehor... il-marelli kif kont insejtu... dak habibi Dick.

FEZZIWIG Ejjew haffu... Dick, Ebenezer... kollox ghandna ghal-lest?

DICK Hekk jidher... il-mistednin diga ngabru...

EBENEZER U l-ikel lest ukoll.

FIZZIWIG Mela fittxu morru ghidu lil kulhadd jidhol fis-sala. Ghax illum irrid ninsew ix-xoghol u n-negozju u nifirhu ftit flimkien. Ghax, ghiduli, jekk ma tifrahx ftit fil-Milied meta trid tifrah? Ara ghadhom hawn! Haffu... haffu... Fejn huma l-
muzicisti? Muzika Maestro!

***EBENEZER U DICK jidhlu ghal mument u jigu lura flimkien ma' ghadd ta' mistednin, fosthom MRS. FEZZIWIG u MISS FEZZIWIG.***
***Tibda l-muzika u z-zfin.***
***Wara ftit il-muzika titbaxxa u kollox jibda jsir bis-slow motion, waqt li SCROOGE u SPIRTU jghidu dan li gej:***

SCROOGE Kemm kien ragel twajjeb is-Sur Fezziwig?

SPIRTU.1 Twajjeb? Ma jidhirlekx li kien *hali*? Kien jaghmlilkom festa shiha minn butu u jhallaskom jumejn paga ta' xejn.

SCROOGE Kien twajjeb is-Sur Fezziwig.

SPIRTU.1 U dik it-tfajla bil-libsa (roza /jew safra /jew bajda - skond il-kostum)... dik min hi?

SCROOGE Dik it-tifla tas-Sur Fezziwig.

SPIRTU.1 Tidher migbuda gmielha lejk.

SCROOGE Iva. Konna ninhabbu. Kienet tfajla li ma tistax ma thobbhiex. U s-Sur u s-Sinjura

Fezziwig tghidx kemm kienu kuntenti bl-imhabba taghna.

SPIRTU.1 Imbaghad?

SCROOGE Imbaghad ma nafx x'dahal bejnietna. Infridna kiesah u biered u hi zzewget iehor...

SPIRTU.1 Ma tiftakarx x'kien dahal bejnietkom? Ix-xoghol tieghek, in-negozju, il-flus... ippreferejt tibqa' wahdek...

SCROOGE Iskot... ma rrridx naf...

SPIRTU.1 ... ma ridtx taqsam gidek ma haddiehor. Lanqas ma tfajla helwa li tant kienet thobbok.

SCROOGE Iskot. L-ghaliex qed tittorturani... tqajjimli tifkiriet li ili s-snin niggieled mieghi nnifsi biex ninsiehom?

SPIRTU.1 Ghax huma propju dawn it-tifkiriet li jistghu jsalvawk!

SCROOGE Mur... hallini...

***<u>IL-PALK JIDDALLAM. L-ISKIRTU JITLAQ. SCROOGE JIRRITORNA LEJN SODDTU WAQT LI JGEDWED IL-KLIEM MLI GEJ U BIL-MOD IL-MOD JIDHOL FL-IRQAD MILL-GDID.</u>***

SCROOGE Kont kuntent fi tfuliti. Kelli min ihobbni u kelli 'l min inhobb. Imma issa wahdi... wahdi... wahdi...

***<u>DLAM. QANPIENA TA' ARLOGG IDDOQQ IS-SIEGHA.</u>***

============================================================

***<u>IR-RABA' XENA</u>***

SCROOGE Kif jista' jkun li qed iddoqq is-siegha. Is-siegha daqqet ma nafx kemm sighat ilu. Tghid irqadt il-jum kollu u rega' sar il-lejl. Kif jista' jkun?

***<u>F'DAQQA WAHDA TINSTEMA' MUZIKA FERRIEHA. JINXTEGHEL DAWL QAWWI U JITFACCA SPIRTU.2 (L-ipirtu tal-Milied tal-Lum)</u>***

SPIRTU.2 Hawn jiena! Wasalt! Gejt apposta ghalik.

SCROOGE It-Tieni Spirtu, hux tassew?

SPIRTU.2 L-ispirtu tal-Milied tal-Lum.

SCROOGE Kollox sew Sur Spirtu. Hudni fejn trid. Lest nara
u nifhem dak kollu li ghandek lest ghalija. L-ispirtu ta' qablek urieni dehriet li kisruli qalbi... izda naf li ghamluli hafna gid. Jiena f'idejk.

SPIRTU.2 Hares!

***<u>JIHDLU S-SINJURA CHRATCHIT U 4 WLIEDHA</u>***

SIN/ CR. X'wahda din kemm se jittardja llum missierkom.

Tifel.1 It-triqat kollha fgati bil-borra.

Tifla.2 U b'Tiny Tim fuq spallejh ma' tantx ikun jista' jhaffef.

SIN/ CR. Miskin... ma tantx fih piz Tiny Tim.

Tifla.3 Ma, donni samjt ix-xatba tinfetah.

Tifel.4 (jittawwal) Iva... waslu waslu.

SIN/ CR. Isaw... ejjew nidhku dahka bih. Martha (lil Tifla.2).. fittex mur stahba.

Kulhadd: Iva.. iva.. isa.. haffef..

***<u>JIDHLU BOB U TINY TIM (bil-krozza)</u>***<u>.</u>

SIN/ CR. Ghall-Grazzja t'Alla; wasaltu sa fl-ahhar.

BOB: Fejn taf kemm hemm silg fit-triqat.

TIM: U miskin, il-pa kellu joqghod jerfaghni.

BOB: X'wahda din! Mela Martha ghadha ma walsitx?

SIN/ CR. Nahseb li se ddum ma tigi llum. Min jaf kemm xoghol ghandhom... nhar il-Milied.

BOB: Imma ma jistax ikun li nibdew l-ikla tal-Milied minghajrha....

***MARTHA TOHROG TIGRI.***

Tifla.2 Hawn jiena Pa! Il-Milied it-tajjeb.

***KULHADD JIDHAK***

BOB Irnexxielkom tidhku bija. Il-Milied it-tajjeb lilek ukoll binti.

SIN/CR Mela issa nistghu nibdew nahsbu ghall-ikel.

BOB Imma qabel l-ikel xtaqt nixorbu lkoll flimkien, xarba ckejkna. Martha mur gib it-tazzi.

***MARTHA TOHROG U WARA FTIT TIGRI LURA B'GABARRE TAZZI.***

BOB (ikompli waqt li Martha tohrog) Xarba ckejkna bis-sahha tas-Sur Scrooge....

SIN/CR Bis-sahha tas-Sur Scrooge??? Talli qed jaghsarlek demmek u jhaddmek bla hniena?

BOB Ghaziza tieghi. Is-Sur Scrooge qed jipprovdilna x-xoghol. Isaw... il-lum il-Milied, u fil-Milied jehtieg ninsew kollox. Nixorbu bis-sahha tas-Sur Scrooge.

SIN/CR Kollox sew.. imma se nixrob b'rispett tieghek, qabel kollox.

BOB Mela bis-sahha tas-Sur Scrooge.

KULHADD Bis-sahha tas-Sur Scrooge.

TIM U l-Bambin iberikna lkoll... wiehed, wiehed u wahda wahda. Il-Milied it-tajjeb.

KULHADD Il-Milied it-tajjeb.

SIN/ CR. Issa ejjew ha llestu l-mejda. Peter, inti u Belinda morru l-forn gibu l-papra. Agnes, inti mur ara jekk il-pudina ghadhiex tbaqbaq gol-kaldarun. U inti Martha hu lil Tiny Tim biex ibiddel hwejgu.

***KULHADD JOBDI U JITLAQ 'IL GEWWA.***

SIN/ CR. Kif qaghad il-knisja, Tiny Tim? Kollox sew?

BOB Dak it-tifel kultant jghaggibni. Taf x'qalli ahna u gejjin lura d-dar? Qalli: "Pa, hadt gost li meta konna l-knisja n-nies bdew iharsu lejja u jaraw li jiena tifel zopp; ghax b'hekk, fil-jum tal-Milied ikun jistghu jiftakru f'Dak li ghamel iz-zopop jimxu u l-ghomja jaraw.

SIN/ CR. Imsejken Tiny Tim.

BOB Imxi llestu l-mejda....

***JIDHLU 'L GEWWA***

SCROOGE Ghaziz Spirtu... x'ghandu dak l-imsejken tfajjel? Ghidli.. ghidli... hemm tama li jfiq?

SPIRTU.2 Jiena ga qed nara post battal mal-mejda u krozza wahidha gor-rokna. Jekk il-Futur ma jibdilx dawn id-dehriet, it-tfajjel imut.

SCROOGE Le.. le, Spirtu twajjeb. Nitolbok: aghmel li t-tfajjel jghix.

SPIRTU.2 U jekk stess imut, x'se jkun gara? Ma tahsibx li jkun ahjar? Tonqos xi ftit il-popolazzjoni zejda tad-dinja. Mhux hekk?

SCROOGE Iskot.. iskot.. inti wkoll trid tittorturani? Ghidli... ghidli x'ghandi naghmel biex it-tfajjel ifiq.

***JIDHLU F'SALT:***
***FRED, MARTU u GRUPP TA' MISTEDNIN, kollha bit-tazzi tax-xorb f'idejhom.***

Mist.1 Prosit Fred... dan zgur kien l-isbah pranzu tal-Milied li qatt kellna.

Mist.2 L-isbah... u L-ITJEB ukoll.

FRED Eh, hbieb tieghi... kollu bis-sahha tas-sbejha marti. Xi tghid ghaziz tieghi?

Mistednin: Tassew... tassew... prosit.

MARA: Grazzi, hbieb. Il-mahbub ragel tieghi, jiehu gost ifahharni... basta nohodlu hsieb zaqqu.

FRED: Nixorbu hbieb... bis-sahha ta' l-ghaziza marti.

Mistednin: Bis-sahha ta' Karla.. u l-Milied it-tajjeb.

FRED: U bis-sahha taz-ziju Scrooge.

MARA: X'kull wahda Fred... dan x'gie f'mohhok iz-ziju Scrooge?

FRED: U... ghax biex inghidilkom is-sewwa, tassew nithassru; niftakar li qieghed iqatta' l-Milied wahdu.

MARA: Imma inti kull sena tistiednuu biex jigi jiekol maghna. Minnu jonqos.

FRED: Iva, naf. Imma xorta nithassru.

Mist.3 Kieku jigi jiekol maghna, nahseb li kien igibilna sufle' mieghu.

Mis.4 Mhux wiehed, imma tnejn.

Mist.5 X'intom tghidu... jien nghidilkom li kien igibilna sufle' kull wiehed.

***JIDHKU***

MARA: Issa hallina miz-ziju Scrooge. Ejjew ha nibdew il-loghob.

Mist.1 Iva... il-loghob tal-qattus.

Mistednin Iva.. iva...

Mist.5 Imma tridu tfehmuhieli.. ghax ma nafhiex.

MARA: Kulhadd irid isib aggett ghall-QATTUS TAS-SULTAN...

Mist.3 Min ma jsib x aggettiv jinqala' 'l barra mil-loghba.

FRED: U iva.. issa tidraha malajr....

***JOQOGHDU RINGIELA***

MARA: Ejja bdejna. Il-qattus tas-Sultan tassew imqareb.

FRED: Il-qattus tas-Sultan tassew bahnan.

Mist.1 Il-qattus tas-sultan tassew makakk.

Mist.2 Il-qattus tas-Sultan tassew zmagat.

Mist.3 Il-qattus tas-Sultan tassew m'ahniex.

Mist.4 Il-qattus tas-Sultan tassew gustuz

Mist.5 Il-qattus tas-Sultan tasew... hmm... tassew....

SCROOGE (*jaqbez madwarha*) tassew brikkun, tassew kattiv, isa.. isa.. tassew halliel.

Mistednin: (*Jidhku*) Barra... barra....

MARA: Il-qattus tas-Sultan tassew bla mohh.

FRED Il-qattus tas-Sultan tassew bla qalb....

***JINSTEMGHU GLIEGEL U MUZIKA***

FRED Ghaddej Santa Klaws... imxu ha narawh imxu...

Mistednin: Iva... iva... imxu...

***KULHADD JITLAQ 'IL BARRA.***

SCROOGE (*Imur warajhom; isejhilhom*) Ejjew... ejjew ha nkomplu l-loghba...

SPIRTU.2 Dawk huma biss dehriet li ahna nistghu biss naraw, imma li sehem fihom m'ghandniex. Imma kieku ridt *stajt* kont maghhom. Fred kull sena jistiednek.

SCROOGE Iva naf... imma jiena...

SPIRTU.2 Inti... xiex??

SCROOGE Jiena kattiv u bla qalb aktar mill-qattus tas-Sultan. L-uniku neputi li ghandi... demmi stess; it-tifel ta' ohti Fanny... it-twajba u helwa ohti Fanny. Jiena naghtih il-genb u hu jibqa' jirrispettani; dejjem helu fi kliemu u qatt ma jitmashan... l-istess bhal ohti Fanny.

***L-ISPIRTU JWARRAB U SCROOGE JIRRITORNA LEJN SODDTU.***

SCROOGE Konna niggerrew fix-xaghri, jiena u Fanny, magenb in-nixxiegha. Naqtghu l-fjuri bukketti bukketti u nigru wara l-friefet. Id-dahka ta' Fanny kienet tixbah lill-hoss ta' l-ilma tan-nixxiegha. Imbaghad Fanny zzewget u kellha lil Fred....

***DLAM***
***QANPIENA DDOQQ IS-SIEGHA.***

===========================================

***IL-HAMES XENA:***

***JIDHOL SPIRTU.3 - JERSAQ LEJN SCROOGE. DAN BHAL IHOSSU... JINHASAD U JISTENBAH.***

SCROOGE: Ga sar il-hin? Wasalt?

***SPIRTU.3 QATT MA JITKELLEM. MOSSI BISS)***:

SPIRTU.3 Iva!

SCROOGE: Bil-fors li inti l-Ispirtu tal-Milied ta' Ghada, u se turini dehriet li ghad iridu jsehhu.

SPIRTU.3 Iva.

SCROOGE: Nitolbok, Spirtu, tkunx kiefer izzejjed mieghi. Jiena ga ntbaht li ma nistax nibqa' sejjer bil-hajja li kont qed nghix. Naf li hemm bzonn nibdel hajti. U hekk fi hsiebni naghmel.

***TIDHOL Is-Sinjura CRATCHIT ma' wliedha. F'idha ghandha libsa sewda ghadha qed thitha. It-tifla l-kbira wkoll qieghda thit libsa sewda.***

SIN/CR. Inhossni ghejejt inhit. Dan il-lewn iswed xorobli ghajnejja.

Tifla.2 Mela nahseb li ahjar tieqaf Ma, ghax jekk jigi l-Pa u jarak b'ghajnejk homor...

Tifel.1 Iva Ma, sewwa qed tghidlek Martha.

Tifla.3 Miskin il-Pa, anki l-mixja tieghu, donnha m'ghadhiex hafifa bhalma kienet

dari.

Tifel.4 Isktu ghax wasal.

***JIDHOL BOB***

Tfal *(Jigru jifirhu bih, b'qalbhom sewda)*. Berikna, Pa. Il-lejl it-tajjeb.

BOB Kunu mberkin uliedi.

SIN/CR. Mort sa'-cimiterju?

BOB Iva. Il-qabar qieghed f'roqgha art sabiha hafna. Fuq il-quccata ta' l-gholja. Minn hemm tidher ix-xmara bil-papri.

Tifel.1 Tiny Tim kien ihobbhom hafna l-papri.

BOB Kien ihobbhom hafna l-papri. *(Jixxotta demgha)* Uliedi, illum ma nistghux nixtiequ l-Milied it-tajjeb lil xulxin, ghax minghajr Tiny Tim... ma tantx jista' jkollna Milied tajjeb.

Tifla.2 *(Tigri lejn Bob, tibki u tghannqu)* Iskot Pa... iskot.

BOB Izda uliedi... it-tifkira ta' Tiny Tim tibqa'
maghna, u minn fejn jinsab issa, zgur qieghed jixtiqilna l-Milied it-tajjeb...

***ILKOLL JERSQU JGHANNQU LIL BOB***

***DLAM. IL-FAMILJA CRATCHIT TWARRAB.***

SCROOGE Le... Spirtu, le ma jistax ikun. Ghidli li dawn
huma biss dehriet. Ghidli li jistghu jitbiddlu... li jistghu ma jsehhu qatt.

SPIRTU.3 *(jurih in-naha l-ohra tal-palk)*

***JIDHLU ERBGHA MIN-NIES JIZZUFJETTAW.***

Ragel.1 Jiena bil-kemm ridt nemmen meta smajthom jghidu, dalghodu.

Ragel.2 Mhux kulhadd irid jghaddi minnha. Censa ma tahfirha lil hadd.

Ragel.1 Tassew... imma hatba ta' l-infern bhal dak, kont tahsbu ma jmut qatt.

Ragel.3 Sabitu l-mara li tmur tnaddaflu, qalu. X'aktarx miet mal-lejl... wahdu!

Ragel.4 Miet qisu hanzir!

Ragel.2 Mur ara kemm se jkollu nies ghall-funeral, eh!

Ragel.1 *(B'zuffjett)* Tridux immorru ahna l-erbgha ?

RAGEL.3 Jien immur... mela le. Basta wara jaghmlulna pranzu.

***JIDHLU 'L GEWWA JIDDIEHKU BEJNIETHOM.***

***PALK JIDDALLAM HAFNA***

SCROOGE Imma Spirtu... ghal min qed jghidu dawn in-nies? Ma jistax ikun li qed jghidu gha'-ckejken Tiny Tim.

SPIRTU.3 *(Jipponta sebghu lejn wahda mill-"flats" li tkun ghadha maghluqa).*

SCROOGE *(Ihares madwaru).* Hawn fejn ninsabu? Dan... dan cimiterju. Ghalfejn gibtni hawnhekk?

SPIRTU.3 *(jerga' jurih l-istess post).*

***SCROOGE JERSAQ JIFTAH IL-"FLAT" - TITFACCA LAPIDA BL-ISEM TA' SCROOGE FUQHA.***

SCROOGE *(jinxtehet gharkobbtejh jibki)* Le, le... ghaziz Spirtu. Ma rridx immut minsi u mishut minn kulhadd. Inwieghdek li nibdel hajti. Nibda nghix l-ispirtu tal-Milied hajti kollha, bit-tifkiriet u t-taghlimiet ta' l-Ispirtu tal-Milied tal-Bierah... u b'tama shih fil-Milied ta' Ghada. Iva. Nibdel hajti u nitwieled mill-gdid.

***MATUL DAN ID-DISKORS L-ISPIRTU JWARRAB.***

==================================================

***IS-SITT XENA:***

***IL-PALK JIDDAWWAL U SCROOGE IHARES MADWARU U JSIB LI QIEGHED GO DARU.***

SCROOGE *(Eccitat ghall-ahhar)* X'gara? Hawn... hawn ninsab go dari. Mela ghadni haj. Mela tassew nista' nibdel hajti. Issa tghid x'ghandi naghmel? Mnejn se nibda? Illum x'inhu? *(jittawwal)*
Oj... tfajjel. Isma' ftit 'l hawn sbejjah.

***JIDHOL TIFEL ZGHIR***

SCROOGE Taf tghidli llum x'inhu?

TIFEL Illum, sinjur? X'kull wahda wkoll. Illum il- Milied!

SCROOGE Il-Milied? Dazgur... il-Milied. Mela l-ispirti
rnexxielhom iwettqu kollox f'lejl wiehed. Heqq, l-ispirti jistghu kollox. Mhux hekk?

TIFEL Ma nafx.

SCROOGE Xi hlew! Tassew tifel intelligenti. Issa ismaghna sewwa. Taf tghidli jekk il-hanut tal-laham, lahaqx biegh dak id-dunjdjan kbir li kellu mdenmdel mal-bieb.

TIFEL Dak id-dundjan fih kwazi daqsi???

SCROOGE Mhux biss tifel intelligenti, imma spirituz ukoll.
M'hawnx ghalik ghal dak id-dunjdjan qed inghid.

TIFEL Sa hames minuti ilu hemmhekk kien ghadu.

SCROOGE Afli inti tassew bravu. Mela ara x'ghandek taghmel. Mur fittex ixtrihuli u gibhuli hawnhekk issa stess. Imma x'jiena nghid... x'kull wahda. Mela inti tiflah iggorr dundjan li fih kwazi dasek! Ha, *(jaghtih il-flus)* dawn biex tikri karozzin u twassalli d-dundjan hawnhekk. U dawn huma zewg xelini ghalik.

TIFEL Ghalija???

SCROOGE Kollha kemm huma. U mhux biss: jekk tigi lura f'inqas minn ghaxar minuti, malli tasal naghtik zewg xelini ohra.

TIFEL Arani tlaqt sinjur. Zgur qatt ma kien hawn dundjan imnittef li jaf jigri daqshekk!

***TIFEL JITLAQ.***

SCROOGE	Inhossni ferhan se ntir avolja m'ghandix gwienah,
u hieni daqs tarbija tat-twelid. Ikun imbierak dak l-izmagat ta' Ja'ob Marley.

***JIZFEN U JAQBEZ.... JIDHOL 'IL GEWWA.***

***MIN-NAHA L-OHRA TAL-PALK TIDHOL IL-FAMILJA CRATCHIT.***

BOB	Jekk ikolli nghid smajt il-bieb ihabbat.

SIN/CR	Possibbli... min seta' gie dal-hin? Mela ma jafux li qed illestu l-mejda ghall-ikel... nhar il-Milied.

TIM:	Iva, Ma... jidher xi hadd wara l-bieb.

SIN/CR	Martha, ruhi... hu pa'enzja mur iftah...

***TIFLA.2 TMUR TIFTAH... JITFACCA SCROOGE.***

SCROOGE	(*Zorr)* L-ghodwa t-tajba Sur Bob... ladarba ghogbok
ma titfa'cax ghax-xoghol, allura kelli nigi jiena ghalik....

BOB	(*Imbazza'*) Skuzi Sur Scrooge, imma minghalija l-bierah ftehemna li llum nista' nohodha frank.

SCROOGE	Eh iva... hekk ftehemna? Mela ismaghni sewwa: gejt
appost biex ninfurmak li ta' dan in-nuqqas hekk garvi tieghek mil-lum 'il quddiem...*(b'TON FERRIEH)* se naghtik zieda kbira fis-salarju...

-	***JGHANNQU U JIFTAH BIH. JIDHOL IT-TIFEL B'SORRA KBIRA F'IDU: (id-dundjan) U HAFNA RIGALI PPAKKJATI LI SCROOGE JIBDA JQASSAMHOM LIT-TFAL.***

SCROOGE	Il-Milied it-tajjeb gheziez tieghi. Dan ghalik. U dan ghalik... u dan ghalik... u dan ghalik.
*(Iqassam ir-rigali kollha imma lil Tiny Tim ma jaghtih xejn)*.
Hii xi grali!! Lil Tiny Tim insejtu u ma xtrajtlu
xejn. Ahfirli Tiny Tim... insejtek. U allura, la darba nsejtek... se jkollok tikkuntenta b'***DAN!!!***

***JAGHTIH RIGAL IKBAR U ISBAH MINN TA' L-OHRAJN.***

TIM:	Grazzi Sur Scrooge.... grazzi!

SIN/CR Sur Scrooge... lanqas nafu x'naqbdu nghidulek...

BOB Grazzi minn qalbna... u l-Mulej ibierkek.

***<u>JIDHLU FRED U KARLA</u>***

FRED Skuzawni... il-bieb kien miftuh u bqajt diehel.
Ziju Scrooge... qaluli li rawk ghaddej tigri u taqbez fit-triq taghti l-Milied it-tajjeb lil kull min tara....

SCROOGE U inti ghidt f'qalbek... mela bil-fors li dak l-
izmagat ta' zijuwi tilef mohhu ghal kollox. U gejt biex tghinhom jigbruni. Hux hekk? Le ghaziz Fred ta' qalbi. Iz-ziju Scrooge illum twieled mill-gdid. Il-Milied it-tajjeb Fred *<u>(Jghannqu - Jersaq fuq Karla)</u>* U l-Milied it-tajjeb lilek ukoll sbejha tieghi.

Il-Milied it-tajjeb lil kulhadd... u l-Bambin iberikna lkoll... wiehed, wiehed u wahda wahda!

T M I E M